# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.2

## Kap 4: Il-paċi sabiħa

## Lezzjoni 4.2: Fid-dlam jew fid-dawl?

### L-Għanijiet:



### It-tfal:

1. jifhmu x'jiġifieri tgħix fid-dlam u tgħix fid-dawl.
2. jiġu konxji tal-fatt li meta qiegħed fid-dlam il-ħajja hija diffiċli u jkollok bżonn lil xi ħadd jiggwidak.
3. jirrealizzaw li Ġesù għandu jkun id-dawl li jmexxihom fil-ħajja tagħhom.
4. jirrealizzaw li huma wkoll jistgħu jservu bħala dawl għal xi ħadd jekk iħallu lil Ġesù jmexxihom.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- biċċiet biex jgħattu għajnejn it-tfal.
- Karta ta' taħriġ 4.1.
- video tad-diska Shine Jesus Shine
  https://www.youtube.com/watch?v=cVnMrCIAeMw

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mil-lezzjoni preċedenti, x'tgħallmu u x'għamlu.
- Fakkarhom fil-frażijiet: *Agħmilni strument tal-paċi tiegħek* u *Fejn hemm id-dlam, ħallini nkebbes id-dawl.*
- Spjega lit-tfal li matul din il-lezzjoni huma se jifhmu sewwa din l-aħħar frażi xi tfisser u kif jistgħu jgħixuha.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Għid lit-tfal li biex jifhmu din il-frażi se jagħmlu speċi ta' logħba żgħira. Agħżel xi erbat itfal, għidilhom jiġu ħdejk u għattilhom għajnejhom.
- Għidilhom biex imorru posthom u jġibulek xi ħaġa, per eżempju, xi lapes jew pitazz. Peress li għandhom għajnejhom mgħottija u qegħdin fid-dlam mhux se jirnexxilhom għalkemm se jippruvaw, se jaħbtu mal-imwejjed, jitfixklu f'xi basket eċċ.  Wara li jkunu ppruvaw staqsihom kif ħassewhom x'ħin riedu jimxu u ma setgħux.



- Erġa' agħmel l-istess attività bl-istess tfal, però din id-darba qabbad erbat itfal biex jgħinu lil dawk it-tfal li għandhom għajnejhom mgħottija. Issa suppost li bl-għajnuna, it-tfal se jirnexxilhom iġibu l-oġġett li tkun tlabthom. Staqsi lit-tfal dwar kif ħassewhom din id-darba li kellhom min jagħtihom id-direzzjonijiet. Agħmel enfasi fuq il-fatt li issa, bl-għajnuna, ħassewhom komdi u sodisfatti li rnexxielhom jagħmlu dak li talbet mingħandhom l-għalliema.
- Għid lit-tfal biex ineħħu l-biċċa minn m'għajnejnhom u għal darboħra qabbadhom iġibu xi ħaġa oħra. Din id-darba se jagħmlu dak li tlabthom malajr u bla xkiel. Wara staqsihom kif ħassewhom issa li qegħdin fid-dawl.
- Agħmel paragun bejn il-fatt li fid-dlam ma setgħu jagħmlu xejn u bl-għajnuna ħadmu aħjar waqt li fid-dawl setgħu jagħmlu li riedu bla xkiel ta' xejn. Agħmel paragun ukoll fejn jidħlu l-emozzjonijiet; meta kienu fid-dlam ħassewhom frustrati u mdejqin waqt li fid-dawl kienu kuntenti u sodisfatti.
- Spjega li dan jgħodd ukoll fil-ħajja tagħna. Meta nagħmlu l-ħażin inkunu fid-dlam waqt li meta nagħmlu l-affarijiet tajbin inkunu fid-dawl għax inkunu qed nagħmlu dak li jridna Ġesù li huwa d-dawl tagħna. Aħna nistgħu wkoll inservu bħala dawl għal xi ħadd li jkun fid-dlam billi noffru l-għajnuna tagħna. Ikkonsolida l-ispjega b'eżempji konkreti u ħeġġeġ lit-tfal biex jiddiskutu u jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.1 *Fid-dlam u fid-dawl?* U spjega s-silta mogħtija.
- Iddiskuti bħala klassi l-attività u oħroġ il-fatt tal-importanza li nkunu fid-dawl u allura fil-paċi jekk nagħmlu dak li hu sew.
- Iddiskuti Attività 2 u oħroġ il-fatt tal-ħtieġa li meta nġibu ruħna sew inkunu tassew fid-dawl.
- Agħmel rabta mal-lezzjoni li jmiss: Meta ma nagħmlux li hemm bżonn inkissru d-dawl u s-sabiħ ta' madwarna.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Meta ma nagħmilx dak li jrid Ġesù nkun qed ngħix fid-dlam.
2. Ngħix fid-dlam ifisser li ma nġibx ruħi sew u nagħmel li rrid.
3. Ġesù huwa l-mexxej u d-dawl tiegħi.
4. Jien nista' nkun ta' dawl għal xi ħadd billi noffri l-għajnuna tiegħi fejn ikun hemm bżonn.
5. Ngħix fid-dawl meta nkun bil-għaqal u nagħmel li hemm bżonn.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jridu jgħixu fid-dawl. Jagħmlu sforz billi ma jġiegħlu lil ħadd jirrabja bl-imġiba tagħhom.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow

tal-kanzunetta Shine Jesus Shine u

ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.

## Nitolbu

O Ġesù, mexxini int u kun id-dawl tiegħi biex
bl-għajnuna tiegħek jien ukoll inservi bħala
dawl għal ħaddieħor.